MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 692/2012

**Joseph Vassallo**
**ezercenti l-kummerc that l-isem**
**Viking Signs**

**Vs**

**One Blue Lemon Company Limited**
**C 35631**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2012 fejn qieghda tintalab is-somma ta' elf, erba' mija u tlieta u tletin ewro u sebghin centezmu (€1,433.70) rapprezentanti l-bilanc bejn l-ammont ta' elf, tmien mija u disgha u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,859.68) dovut mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti rigward servizzi u prodotti relattivi rezi u mibjugha mir-

rikorrent lis-socjeta' intimata (hekk kif jidher mill-'*invoices'* hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. JV01" sa "Dok JV05") u l-ammont ta' erbgha mija, tnejn u ghoxrin ewro u tmienja u disghin centezmu (€425.98) dovut mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata rigward prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti (hekk kif jidher mill-"*invoice"* hawn annessa u mmarkata bhala "Dok JV06"). Dan il-bilanc ta' elf, erba' mija u tlieta u tletin ewro u sebghin centezmu (€1,433.70) huwa dovut mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti u ghadu ma thallasx mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata taghmel dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta ikkalkulati mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv u bl-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz tal-mandat ta' Sekwestru u pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra s-socjeta' intimata bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti taghha 'n subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi. Jirrizulta li d-direttur li gie notifikat nforma lit-Tribunal illi l-kumpanija tinsab fi stadju ta' stralc__u ghalhekk il-kumpanija m'ghandiex izjed rapprezentanza mid-diretturi taghha.

Minkejja dan il-kumpanija baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-13 ta' Frar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013.

Fl-14 ta' Marzu, 2013 deher l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta pero baqghet ma giet pprezentata l-ebda risposta u lanqas giet kkontestata l-kawza.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2013 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet

tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra u lanqas ma dehret fis-seduta ta’ llum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u tlieta u tletin ewro u sebghin centezmu (€1,433.70) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluz tal-mandat ta’ Sekwestru jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------